C/2024/4488

11.7.2024

Aġġornament tal-lista ta' permessi ta' residenza msemmija fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([1])

(C/2024/4488)

Il-pubblikazzjoni tal-lista ta' permessi ta' residenza msemmija fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([2]) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 39 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Minbarra l-pubblikazzjoni *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, aġġornament ta' kull xahar huwa disponibbli fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni.

LISTA TA' PERMESSI TA' RESIDENZA MAĦRUĠA MILL-ISTATI MEMBRI

L-AWSTRIJA

Sostituzzjoni tal-lista ppubblikata fil ĠU C, C/2023/1609, 22.12.2023.

Permessi ta' residenza skont l-Artikolu 2(16)(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen:

I. Permessi ta' residenza maħruġa f'konformità mal-format uniformi stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002

— Permess ta' residenza bi "prova ta' stabbiliment" fil-forma ta' karta ID1 skont l-azzjonijiet konġunti bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (maħruġ fl-Awstrija bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005).

— Permess ta' residenza fil-forma ta' stiker skont l-azzjonijiet konġunti bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (maħruġ fl-Awstrija bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2005).

— Permessi ta' residenza li jaqgħu taħt "l-awtorizzazzjoni ta' stabbiliment" (*Niederlassungsbewilligung*), "membru tal-familja" (*Familienangehörige*), "residenza permanenti – UE" (*Daueraufenthalt-EG*), "residenza permanenti – membru tal-familja" (*Daueraufenthalt-Familienangehöriger*) u "awtorizzazzjoni ta' residenza" (*Aufenthaltsbewilligung*) fil-forma ta' karta ID1 skont l-azzjonijiet konġunti bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (maħruġ fl-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2006).

Il-permess ta' "awtorizzazzjoni ta' residenza" (*Aufenthaltsbewilligung*) jindika l-iskop speċifiku li għalih ikun inħareġ.

Permess ta' "awtorizzazzjoni ta' residenza" (*Aufenthaltsbewilligung*) jista' jinħareġ għall-iskopijiet li ġejjin: trasferiment intraazjendali (ICT), ħaddiem stazzjonat, persuna li taħdem għal rasha, każijiet speċjali ta' impjieg, student tal-iskola, fornitur tas-servizzi soċjali, riunifikazzjoni tal-familja. Il-permessi ta' "awtorizzazzjoni ta' residenza" (Aufenthaltsbewilligung) għall-iskop ta' trasferimenti intra-azjendali ("ICT" u "ICT mobbli") ilhom jinħarġu mill-1 ta' Ottubru 2017. Il-permessi ta' "awtorizzazzjoni ta' residenza" () ta' "student" ("*StudentAufenthaltsbewilligung*"), "voluntier" u għall-"mobbiltà ta' riċerkatur" ilhom jinħarġu mill-1 ta' Settembru 2018.

Il-permessi ta' "awtorizzazzjoni ta' residenza" (*Aufenthaltsbewilligung*) ta' "Student" ("*Student*"), inħarġu sal-31 ta' Awwissu 2018.

([1]) Ara l-lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fl-aħħar parti ta' dan l-aġġornament.
([2]) ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Il-permess ta' residenza "awtorizzazzjoni ta' stabbiliment" (*Niederlassungsbewilligung*) jista' jinħareġ mingħajr iktar dettalji jew għall-iskopijiet li ġejjin: l-ebda attività bi qligħ u dipendenti. Mill-1 ta' Ottubru 2017, il-permessi ta' "awtorizzazzjoni ta' stabbiliment" (*Niederlassungsbewilligung*) jistgħu jinħarġu wkoll għall-kategoriji "riċerkaturi", "artisti", jew "każijiet speċjali ta' impjieg".

Il-permessi ta' residenza ta' "awtorizzazzjoni ta' stabbiliment" (*Niederlassungsbewilligung*) kienu jinħarġu fl-Awstrija sat-30 ta' Ġunju 2011 għall-kategoriji ta' "ħaddiem ewlieni", "illimitat" u "limitat".

Il-permessi ta' "residenza permanenti - UE" *(Daueraufenthalt-EG)* u "residenza permanenti - membru ta' familja" *(Daueraufenthalt-Familienangehöriger)* inħarġu fl-Awstrija sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-permessi ta' "awtorizzazzjoni ta' residenza" (*Aufenthaltsbewilligung*) għall-iskopijiet tat-Taqsima 69a tal-Att dwar l-Istabbiliment u r-Residenza (NAG) kienu jinħarġu fl-Awstrija sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-permessi ta' "awtorizzazzjoni ta' residenza" (*Aufenthaltsbewilligung*) kienu jinħarġu wkoll għall-ħaddiema b'impjieg b'rotazzjoni, artisti u riċerkaturi sat-30 ta' Settembru 2017.

— Il-karta "ħamra-bajda-ħamra" (*Rot-Weiß-Rot-Karte*), il-karta "ħamra-bajda-ħamra" plus *(Rot-Weiß-Rot-Karte plus*) u l-"karta blu tal-UE" *(Blaue Karte EU*) fil-forma ta' karta ID1 skont l-azzjonijiet konġunti bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (maħruġa fl-Awstrija mill-1 ta' Lulju 2011).

— Il-permessi ta' "residenza permanenti - UE" (*Daueraufenthalt-EU*) skont l-azzjonijiet konġunti bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (maħruġ fl-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2014).

— "l-Artikolu 50 TUE" ("Artikel 50 EUV") jippermetti liċ-ċittadini Brittaniċi u lill-membri tal-familja tagħhom li jaqgħu taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ (bidu tal-ħruġ mill-1 ta' Jannar 2021). Il-permessi jistgħu jindikaw status ta' resident għal żmien twil (Daueraufthaltsrecht) u/jew li nħareġ lil membru tal-familja (Familienangehöriger)

— Permessi ta' "dritt ta' residenza plus" ("*Aufenthaltsberechtigung plus*") maħruġa f'konformità mat-Taqsima 55(1) jew it-Taqsima 56(1) tal-Att dwar l-Ażil stabbilit fil-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 100/2005 huma skont id-dispożizzjonijiet preċedenti tat-Taqsimiet 41(a)(9) u 43(3) tal-Att dwar l-Istabbiliment u r-Residenza (NAG) kif stabbilit fil-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 38/2011. Maħruġa fl-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2014.

— Il-permess ta' "dritt ta' residenza" (*Aufenthaltsberechtigung*) maħruġ f'konformità mat-Taqsima 55(2) jew it-Taqsima 56(2) tal-Att dwar l-Ażil stabbilit fil-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 100/2005 jikkorrispondi għall-permess preċedenti "awtorizzazzjoni ta' stabbiliment" (*Niederlassungsbewilligung*) maħruġ f'konformità mat-Taqsima 43(3) u (4) tal-Att dwar l-Istabbiliment u r-Residenza (NAG) kif stabbilit fil-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 38/2011. Maħruġ fl-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2014.

— Il-permess ta' "dritt ta' residenza għal raġunijiet ta' protezzjoni speċjali" ("*Aufenthaltsberechtigung aus besonderem Schutz*") maħruġ skont it-Taqsima 57 tal-Att dwar l-Ażil kif stabbilit fil-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 100/2005 jittrasponi ulterjorment id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti. Id-dispożizzjoni preċedenti kienet it-Taqsima 69(a)(1) tal-Att dwar l-Istabbiliment u r-Residenza (NAG) kif stipulata fil-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 38/2011. Maħruġ fl-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2014.

— "*Aufenthaltskarte*": il-karta ta' residenza tagħti lill-membri tal-familja taċ-ċittadini taż-ŻEE dritt ta' residenza fl-Unjoni għal aktar minn tliet xhur skont id-Direttiva 2004/38/KE (maħruġa f'din il-forma mill-1 ta' Lulju 2020).

— "*Daueraufenthaltskarte*" il-karta ta' residenza permanenti tinħareġ lill-membri tal-familja taċ-ċittadini taż-ŻEE f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE wara ħames snin ta' residenza legali kontinwa fl-Awstrija (maħruġa f'din il-forma mill-1 ta' Lulju 2020 'il quddiem).

II. **Permessi ta' residenza li, skont id-Direttiva 2004/38, mhux bilfors iridu jinħarġu fil-format uniformi (inħarġu f'dan il-format sat-30 ta' Ġunju 2020)**

— Il-permess ta' residenza skont id-dritt ta' residenza fl-Unjoni ta' iktar minn tliet xhur għal membri ta' familja ta' ċittadini taż-ŻEE skont id-Direttiva 2004/38/KE ma jikkorrispondix għall-format standard fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz

— Il-karta tal-permess tar-residenza permanenti biex jiġi ddokumentat dritt ta' residenza permanenti fil-Komunità ta' aktar minn tliet xhur għal membru tal-familja ta' ċittadini taż-ŻEE skont id-Direttiva 2004/38/KE ma tikkorrispondix għall-format standard fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz.

Dokumenti oħra li jagħtu d-dritt ta' soġġorn jew inkella d-dritt ta' dħul mill-ġdid fl-Awstrija (skont l-Artikolu 2(16)(b) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen:

— Dokument ta' identità b'ritratt f'format ta' karta għal persuni intitolati għal privileġġi u immunitajiet bl-aħmar, isfar, blu, aħdar, kannella, griż u oranġjo maħruġ mill-Ministeru Federali għall-Ewropa, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Barranin.

— Dokument tal-identità b'ritratt f'format ta' karta għal persuni intitolati għal privileġġi u immunitajiet, ta' lewn griż ċar b'referenza għall-kategoriji aħmar, oranġjo, isfar, aħdar, blu, vjola, kannella u griż maħruġ mill-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ewropej, tal-Integrazzjoni u Barranin.

— "Persuna intitolata għal status ta'ażil" skont it-Taqsima 3 tal-Att dwar l-Ażil tal-2005 jew tad-dispożizzjonijiet preċedenti - normalment dokumentat b'dokument tal-ivvjaġġar tal-Konvenzjoni (maħruġ fl-Awstrija sa mit-28 ta' Awwissu 2006) jew b'karta għal persuni intitolati għall-ażil skont it-Taqsima 51(a) tal-Att dwar l-Ażil tal-2005 (maħruġ għal ċittadini barranin li applikaw għal protezzjoni internazzjonali mill-15 ta' Novembru 2015 u li jkunu ngħataw dan l-istatus mill-1 ta' Ġunju 2016).

— "Persuna li għandha status ta' protezzjoni sussidjarja" skont it-Taqsima 8 tal-Att dwar l-Ażil tal-2005 jew id-dispożizzjonijiet preċedenti - ġeneralment dokumentat permezz ta' karta għal persuni li jkollhom status ta' protezzjoni sussidjarja skont it-Taqsima 52 tal-Att dwar l-Asil tal-2005.

— Lista ta' persuni li jipparteċipaw f'ġita skolastika fl-Unjoni Ewropea fis-sens tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 dwar azzjoni konġunta dwar faċilitajiet tal-ivvjaġġar għal studenti tal-iskola minn pajjiżi terzi residenti fi Stat Membru.

— "Konferma ta' residenza legali skont it-Taqsima 31(1)(5) tal-Att tal-Pulizija għall-Barranin (FPG)"/ "Applikazzjoni għal estensjoni skont it-Taqsima 2(4)(17a) tal-Att tal-Pulizija għall-Barranin (FPG) flimkien ma' dokument validu tal-ivvjaġġar.

— Permess għall-impjieg maħruġ skont it-Taqsima 32c tal-Att dwar l-Impjieg tal-Barranin (*Ausländerbeschäftigungsgesetz*) flimkien ma' viża "D" valida jew skaduta għal ħaddiema staġjonali jew skont it-Taqsima 22a tal-Att tal-Pulizija dwar l-Immigrazzjoni (*Fremdenpolizeigesetz* - FPG) maħruġ mill-Awstrija.

— Permess ta' residenza indefinit - maħruġ fil-forma ta' viża ordinarja skont it-Taqsima 6(1)(1) tal-Att tal-1992 dwar il-Barranin (FRG) (maħruġ sal-31 ta' Diċembru 1995 mill-awtoritajiet domestiċi Awstrijaċi u mill-uffiċċji rappreżentattivi barranin fil-forma ta' timbru).

— Permess ta' residenza fil-forma ta' stiker ħadra san-Nru 790.000.

— Permess ta' residenza fil-forma ta' stiker ħadra u bajda min-Nru 790.001 'il fuq.

— Permess ta' residenza fil-forma ta' stiker f'konformità mal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 97/11/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 1996, ill-Ġurnal Uffiċjal L 7 tal-10 ta' Jannar 1997, li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza (maħruġ fl-Awstrija bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2005).

— "Konferma tad-dritt għad-dħul fl-Awstrija, skont it-Taqsima 24 tal-Att dwar l-Istabbiliment u r-Residenza (NAG) jew it-Taqsima 59 tal-Att dwar l-Ażil" fil-forma ta' stiker ħadra u blu.

— "Konferma ta' applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ" ("Bestätigung über die Antragstellung gemäß Art. 18 Abs. 1 des Abkommens über den Austritt des Vereinigten Königreichs Großbritannien und Nordirland aus der Europäischen Union und der Europäischen Atomgemeinschaft (Austrittsabkommen) maħruġa fuq karta tas-sigurtà f'format A4 mill-4 ta' Jannar 2021

— Permess ta" impjieg (Beschäftigungsbewilligung) skont it-Taqsima 4c (1) tal-Att dwar l-Impjiegi tal-Barranin (Ausländerbeschäftigungsgesetz)

— Ċertifikat ta' eżenzjoni (Befreiungsschein) skont it-Taqsima 4c (2) tal-Att dwar l-Impjiegi tal-Barranin (Ausländerbeschäftigungsgesetz)

IL-LIECHTENSTEIN

Sostituzzjoni tal-lista ppubblikata fil ĠU C 126, 12.4.2021, p. 1.

Permessi ta' residenza tal-Liechtenstein għaċ-ċittadini tal-UE/taż-ŻEE u tal-Iżvizzera

— Bewilligung in Briefform (BiB) (Permess permezz ta' ittra) (permess għal impjieg fuq bażi ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa, validità: massimu ta' 180 jum fi żmien 12-il xahar)

— Aufenthaltstitel L (Kurzaufenthaltsbewilligung) (Permess għal żmien qasir, validità: massimu ta' 12-il xahar)

— Aufenthaltstitel B (Aufenthaltsbewilligung) (Permess ta' residenza, validità: massimu ta' 5 snin)

— Aufenthaltstitel C (Niederlassungsbewilligung) (Permess ta' saldu, validità tal-iskadenza tar-rieżami: massimu ta' 5 snin)

— Aufenthaltstitel D (Daueraufenthaltsbewilligung) (Permess ta' residenza permanenti, validità tal-iskadenza tar-rieżami: massimu ta' 10 snin)

Permessi ta' residenza tal-Liechtenstein għal ċittadini ta' pajjiżi terzi

1. **Permessi ta' residenza b'format uniformi skont ir-Regolament (KE) 1030/2002:**

— Aufenthaltstitel L für Drittstaatsangehörige (Permess għal soġġorn qasir, validità: min. 3-il xahar, massimu ta' 12-il xahar)

— Aufenthaltstitel B für Drittstaatsangehörige (Permess għal soġġorn fit-tul, validità: massimu ta' 12-il xahar)

— Aufenthaltstitel C für Drittstaatsangehörige (Permess għal residenza permanenti, validità tal-iskadenza tar-reviżjoni: massimu ta' 3 snin)

2. **Permessi ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE/taż-ŻEE – jew Żvizzeri (dritt għall-moviment liberu):**

— Aufenthaltstitel L für Drittstaatsangehörige (Permess għal soġġorn qasir għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE/ŻEE jew Żvizzeri (dritt ta' moviment liberu), validità: massimu ta' 12-il xahar)

— Aufenthaltstitel B für Drittstaatsangehörige (Permess għal soġġorn fit-tul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE/ŻEE jew tal-Iżvizzera (dritt ta' moviment liberu), validità: massimu ta' 5 snin)

— Aufenthaltstitel C für Drittstaatsangehörige (Permess għal residenza permanenti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini Żvizzeri (dritt ta' moviment liberu), validità tal-iskadenza tar-rieżami: massimu ta' 5 snin)

— Aufenthaltstitel D für Drittstaatsangehörige (Permess għal residenza permanenti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE/ŻEE (dritt ta' moviment liberu), validità tal-iskadenza tar-rieżami: massimu ta' 10 snin)

3. **Permessi ta' residenza tal-Liechtenstein għal ċittadini ta' pajjiżi terzi**

— Ausländerausweis S/Livret pour étrangers S/Libretto per stranieri S [Karta ta' Protezzjoni Temporanja S] f'format ta' ktejjeb li jiddikjara "Ausländerausweis/Livret pour étrangers/Libretto per stranieri S [Karta ta' Protezzjoni Temporanja], maħruġa lil persuni mill-Ukrajna li jeħtieġu protezzjoni mis-16 ta' Marzu 2022 (ktejjeb antik)

— Ausweis für schutzbedürftige S/Karta ta' Protezzjoni Temporanja S f'format ta' ktejjeb (Karta ta' Protezzjoni Temporanja S), maħruġa lil persuni mill-Ukrajna li jeħtieġu protezzjoni mis-16 ta' Marzu 2022 (ktejjeb ġdid)

4. **Lista ta' persuni li jipparteċipaw f'ġita skolastika fl-Unjoni Ewropea.**

Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 247, 13.10.2006, p. 1.
ĠU C 77, 5.4.2007, p. 11.
ĠU C 153, 6.7.2007, p. 1.
ĠU C 164, 18.7.2007, p. 45.
ĠU C 192, 18.8.2007, p. 11.
ĠU C 271, 14.11.2007, p. 14.
ĠU C 57, 1.3.2008, p. 31.
ĠU C 134, 31.5.2008, p. 14.
ĠU C 207, 14.8.2008, p. 12.
ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13.
ĠU C 3, 8.1.2009, p. 5.
ĠU C 64, 19.3.2009, p. 15.
ĠU C 198, 22.8.2009, p. 9.
ĠU C 239, 6.10.2009, p. 2.
ĠU C 298, 8.12.2009, p.15.
ĠU C 308, 18.12.2009, p. 20.
ĠU C 35, 12.2.2010, p. 5.
ĠU C 82, 30.3.2010, p. 26.
ĠU C 103, 22.4.2010, p. 8.
ĠU C 108, 7.4.2011, p. 7.
ĠU C 157, 27.5.2011, p. 5.
ĠU C 201, 8.7.2011, p. 1.
ĠU C 216, 22.7.2011, p. 26.
ĠU C 283, 27.9.2011, p. 7.
ĠU C 199, 7.7.2012, p. 5.
ĠU C 214, 20.7.2012, p. 7.
ĠU C 298, 4.10.2012, p. 4.
ĠU C 51, 22.2.2013, p. 6.
ĠU C 75, 14.3.2013, p. 8.
ĠU C 77, 15.3.2014, p. 4.
ĠU C 118, 17.4.2014, p. 9.
ĠU C 200, 28.6.2014, p. 59.
ĠU C 304, 9.9.2014, p. 3.
ĠU C 390, 5.11.2014, p. 12.
ĠU C 210, 26.6.2015, p. 5.
ĠU C 286, 29.8.2015, p. 3.
ĠU C 151, 28.4.2016, p. 4.
ĠU C 16, 18.1.2017, p. 5.
ĠU C 69, 4.3.2017, p. 6.
ĠU C 94, 25.3.2017, p. 3.
ĠU C 297, 8.9.2017, p. 3.
ĠU C 343, 13.10.2017, p. 12.
ĠU C 100, 16.3.2018, p. 25.
ĠU C 144, 25.4.2018, p. 8.
ĠU C 173, 22.5.2018, p. 6.
ĠU C 222, 26.6.2018, p. 12.
ĠU C 248, 16.7.2018, p. 4.
ĠU C 269, 31.7.2018, p. 27.
ĠU C 345, 27.9.2018. p. 5.
ĠU C 27, 22.01.2019. p. 8.
ĠU C 31, 25.1.2019, p. 5.
ĠU C 34, 28.1.2019, p. 4.
ĠU C 46, 5.2.2019, p. 5.
ĠU C 330, 6.10.2020, p. 5.
ĠU C 126, 12.4.2021, p. 1.
ĠU C 140, 21.4.2021, p. 2.
ĠU C 150, 28.4.2021, p. 5.
ĠU C 365, 10.9.2021, p. 3.
ĠU C 491, 7.12.2021, p. 5.
ĠU C 509, 17.12.2021, p. 10.
ĠU C 63, 7.2.2022, p. 6.
ĠU C 272, 15.7.2022, p 4.
ĠU C 304, 9.8.2022, p 5.
ĠU C 393, 13.10.2022, p. 10.
ĠU C 72, 28.2.2023, p. 44.
ĠU C 274, 3.8.2023, p. 6.
ĠU C, C/2023/260, 19.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/260/oj.
ĠU C, C/2023/1408, 5.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1408/oj.
ĠU C, C/2023/1609, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1609/oj.
ĠU C, C/2024/1212, 31.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1212/oj.
ĠU C, C/2024/1950, 6.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1950/oj.